



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 463 final

2025/0255 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2028-2034 u li jħassar ir-
Regolament (UE) 2021/693**

{SEC(2025) 547 final} - {SWD(2025) 550 final} - {SWD(2025) 551 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2028 u hi ppreżentata għal Unjoni ta' 25 Stat Membru. Għall-Irlanda u għad-Danimarka, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Protokollu Nru 21 u Nru 22 annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif muri fit-taqsimha dwar il-ġeometrija varjabbli fil-paġna 8.

• Raġunijiet u objettivi

L-Artikolu 3 tat-TUE jiddikjara li “*L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja*”. Il-ġustizzja hija marbuta mill-qrib mal-valuri tal-Unjoni, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE. Dawn il-valuri ewlenin jimplikaw il-ħtieġa għal ġudikaturi indipendenti li joperaw f'sistemi tal-ġustizzja effiċjenti u ta' kwalità għolja li kapaċi jissalvagwardjaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiżguraw aċċess għall-ġustizzja għal persuni suspettati, akkużati, persuni mfittxija fi proċedimenti tal-mandat ta' arrest Ewropew (MAE) u vittmi tal-kriminalità. L-indipendenza ġudizzjarja nnifisha tirriżulta mit-tradizzjonijiet konstituzzjonali komuni kondiviżi mill-Istati Membri kollha, mill-istat tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 2 tat-TUE, mill-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu rimedji suffiċjenti biex tiġi żgurata protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 19 tat-TUE, u mid-dritt fundamentali għal rimedju effettiv quddiem tribunal, kif minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”). Minbarra li huwa konformi mal-valuri tal-Unjoni, spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni li jaħdem tajjeb b'sistemi tal-ġustizzja nazzjonali effettivi, effiċjenti u reżiljenti huwa meħtieġ għal suq intern li qiegħed jiffjorixxi u huwa wkoll prekondizzjoni għat-tkabbir ekonomiku u għall-kompetittività.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE kkombinat diversi strumenti biex tibni spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni bbażat fuq fiduċja reċiproka. Ġew adottati u appoġġati diversi inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika¹, anki bis-saħħa ta' finanzjament iddedikat tal-UE.

Mit-tnedija tiegħu fl-2014, il-Programm dwar il-Ġustizzja appoġġa b'mod attiv il-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, billi rawwem kooperazzjoni ġudizzjarja bbażata fuq ir-rikonossiment reċiproku u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Il-Programm ippromwova wkoll l-aderenza tal-Istati Membri mal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u appoġġa l-funzjonament xieraq ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti. Dan wassal għal progress tanġibbli fl-UE kollha peress li, pereżempju, is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali saru aktar effettivi, hekk kif il-prattikanti legali issa huma informati u mgħammra aħjar biex japplikaw l-*acquis* rilevanti tal-UE, eż. dwar l-użu ta' proċeduri u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Fl-istess ħin, il-protezzjoni Prattika u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal u ta' gruppi vulnerabbli oħra (bħal persuni b'diżabbiltà) involuti fi proċedimenti ġudizzjarji qegħdin ikomplu jitjiebu.

¹ Dawn jinkludu l-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju, l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi, l-istrateġija Ewropea tal-ġustizzja elettronika tal-Kunsill, l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, u l-istrateġija li jmiss tal-Kummissjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja li għandha l-għan li tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali fis-sistemi tal-ġustizzja. Barra minn hekk, biex tkompli tirrispetta l-istat tad-dritt, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt, inkluż ir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt, li jevalwa l-iżviluppi fl-indipendenza ġudizzjarja, fl-oqfsa kontra l-korruzzjoni u fl-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri. Il-pakkett tal-Kummissjoni kontra l-korruzzjoni, adottat fl-2023, introduċa miżuri komprensivi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għat-tisħiħ tat-trasparenza u għas-salvagwardja tal-integrità ġudizzjarja fl-Unjoni kollha. L-UE adottat ukoll strateġija ta' sigurtà interna u aġenda kontra t-terroriżmu.

Sar progress sinifikanti², iżda l-kisba ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni effettiv, effiċjenti, aċċessibbli, reżiljenti u diġitalizzat, ibbażat fuq l-istat tad-dritt, għadha sfida kontinwa. Din titlob azzjoni kkoordinata kontinwa mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. Fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029, il-President von der Leyen enfasizzat li r-rispett għall-istat tad-dritt għandu jibqa' "*essenzjali għall-fondi tal-UE*"³. Dan jenfasizza r-rwol kritiku li l-finanzjament tal-UE għandu fl-indirizzar tal-isfidi persistenti.

Fil-fatt, minkejja l-impenn tal-UE, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali hija sfida kontinwa⁴. Dawn id-drittijiet – bħad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, kif ukoll il-protezzjoni tal-informaturi u d-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni, is-salvagwardji proċedurali assoċjati għall-persuni suspettati u akkużati kif ukoll għall-persuni mfittxija fil-proċedimenti ta' MAE, u d-drittijiet tal-vittmi – huma ċentrali għall-ġustizzja u għall-istat tad-dritt. L-implimentazzjoni effettiva tagħhom hija essenzjali biex tinbena l-fiduċja fis-sistema tal-ġustizzja u biex jiġi żgurat li kulħadd, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli, ikun jista' jeżerċita b'mod effettiv id-drittijiet tiegħu fl-UE bħala spazju tal-ġustizzja. Madankollu, kif juri wkoll ir-rapport annwali tal-2021 dwar l-applikazzjoni tal-Karta, l-applikazzjoni frammentata tad-dritt tal-Unjoni u d-diskrepanzi fil-protezzjoni legali⁵ jirriflettu l-isfidi li għaddejjin f'dan il-qasam⁶.

Barra minn hekk, il-progress dwar id-diġitalizzazzjoni fl-UE kollha ma huwiex uniformi. It-tkabbir u l-kompetittività tal-UE jiddependu dejjem aktar fuq id-diġitalizzazzjoni, inkluż fis-settur tal-ġustizzja. L-għodod diġitali u l-intelliġenza artifiċjali (IA) jistgħu jgħinu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, inklużi l-qrati, jipprovdu servizzi aktar veloċi, aktar aċċessibbli u kosteffettivi. Fl-istess ħin, l-użu ta' servizzi fiduċjarji kkwalfikati, bħall-firem u s-siġilli elettroniċi jgħib benefiċċji f'termini ta' konvenjenza u ċertezza legali fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet transfruntiera u qiegħed isir dejjem aktar rilevanti għal sistemi tal-ġustizzja trasparenti u li jistgħu jiġu fdati. It-tneđija li jmiss tal-qafas tal-Identità Diġitali tal-UE u l-Kartieri Ewropej tan-Negożju li ġejjin huma mistennija wkoll li jiffaċilitaw aktar id-diġitalizzazzjoni u jibnu l-fiduċja. Sistemi tal-ġustizzja effiċjenti u trasparenti jsaħħu ċ-ċertezza legali, jattiraw l-investiment u jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera f'materji ċivili u kriminali. Id-diġitalizzazzjoni tnaqqas il-piżijiet fuq il-professjonisti tal-ġustizzja, ittejjeb l-aċċess għall-fajls ġudizzjarji u tippermetti liċ-ċittadini u lin-negożji jinvolvu ruħhom mal-qrati mill-bogħod. Dan iżid it-trasparenza, jiffranka l-kostijiet u jappoġġa l-produttività ekonomika. Barra minn hekk, is-sistemi tal-ġustizzja diġitali jkun aktar reżiljenti matul il-kriżijiet, filwaqt li jiżguraw il-kontinwità u jsaħħu l-fiduċja pubblika.

L-ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, joħloq inċertezzi u sfidi, inkluża l-gwerra fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fost l-isfidi li jaffettwaw, b'mod aktar speċifiku, l-ispazju tal-ġustizzja tal-Unjoni, hemm it-theddid dejjem akbar għall-

² Pereżempju, l-għarfien mit-[Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2024](#) u d-data miġbura permezz ta' [stħarriġiet tal-Ewrobarometru](#) reċenti enfasizzaw il-progress fl-isforzi tal-Istati Membri biex iwasslu sistemi ġudizzjarji nazzjonali effettivi, iżda dan l-għarfien jissuġġerixxi wkoll li hemm hteġa kontinwa għal titjib. It-titjib possibbli jinkludi: (i) il-hteġa li jitnaqqas il-piż tat-tariffi tal-qorti; (ii) id-disponibbiltà tal-għajnuna legali; (iii) il-promozzjoni tal-użu volontarju ta' metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR, Alternative Dispute Resolution); (iv) l-appoġġ għall-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà bħala professjonisti fis-sistema ġudizzjarja; u (v) l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja b'mezzi elettroniċi, peress li l-adozzjoni tad-diġitalizzazzjoni fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE għadha irregolari. Barra minn hekk, ir-reati transfruntiera komplew jiżiedu mill-2020, u dan jissuġġerixxi li l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera kulma jmur se ssir aktar importanti.

³ [Il-Linji Gwida politiċi tal-Kummissjoni Ewropea 2024-2029](#).

⁴ L-Ewrobarometru Speċjali 487b. Ukoll l-Ewrobarometru Speċjali 552: fit aktar minn 6 minn kull 10 risponenti (62 %, 3 p.p. mill-2021) jindikaw li huma konxji mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż kuart tar-risponenti kollha (25 %) li semgħu biha u jafu x'inh. Kważi 4 minn kull 10 (37 %) tar-risponenti kollha semgħu bil-Karta, iżda ma jafux verament x'inh.

⁵ [435ae4e8-f5f4-432b-a391-b05468474a1e_en \(europa.eu\)](#).

⁶ [Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Il-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Era Diġitali – Rapport Annwali tal-2021 dwar l-Aplikazzjoni tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali"](#).

istat tad-dritt, diversi forom ta' kriminalità serja u ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni għodod. Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa fattur determinanti ewlieni ta' ambjent kummerċjali prevedibbli li jixpruna l-investiment u l-innovazzjoni, u kunsiderazzjoni essenzjali għall-kumpaniji li joperaw bejn il-fruntieri. Ir-rispett għall-istat tad-dritt jiżgura l-funzjonament xieraq u r-reżiljenza tas-suq intern, tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja bbażata fuq fiduċja u rikonossiment reċiproku u hija prekondizzjoni essenzjali għall-konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni. Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa meħtieġ għall-applikazzjoni effettiva, uniformi u trasparenti tad-dritt tal-Unjoni u għall-aċċess ugwali għall-ġustizzja. L-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fir-rigward ta' forom ta' kriminalità serja, bħall-korruzzjoni, it-terroriżmu u l-kriminalità ambjentali huwa essenzjali biex jinżamm l-istat tad-dritt u l-fiduċja f'dawk li jirregolaw l-istituzzjonijiet pubbliċi.

Sfidi oħra jinkludu ostakli persistenti għall-kooperazzjoni għodod u l-aċċess għall-ġustizzja. L-aċċess effettiv għall-ġustizzja, inkluż permezz ta' mezzi diġitali, huwa prerekwiżit għat-ktabbir ekonomiku. Jekk ma jkun hemm l-ebda aċċess effettiv għall-ġustizzja, kemm iċ-ċittadini kif ukoll l-iżvilupp tan-negozju, speċjalment dak tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs, Small and Medium-sized Enterprises), jiġu affettwati. Is-sistemi tal-ġustizzja dgħajfin, iktar karatterizzati minn ineffiċjenza jew kostijiet għoljin, jiskoraġġixxu l-attivitajiet tan-negozju, u b'hekk ifixxlu t-ktabbir ekonomiku⁷. Wieħed mill-ostakli ewlenin huwa l-fatt li l-komunikazzjoni fi proċedimenti għodod transfruntieri spiss għadha bbażata fuq il-karta, li jwassal għal dewmien u kostijiet bla bżonn. Waħda mir-raġunijiet hija l-veloċitajiet differenti tad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u n-nuqqas ta' interoperabbiltà suffiċjenti bejn is-sistemi tal-IT nazzjonali tal-Istati Membri, u bl-istess mod, bejn is-sistemi nazzjonali u l-aġenziji u l-korpi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) tal-UE. Minbarra dan l-aspett, id-dewmien u l-ineffiċjenzi fil-proċeduri ta' kooperazzjoni għodod transfruntieri għadhom evidenti. L-aċċess għall-ġustizzja – jiġifieri l-kapaċità ta' kulħadd li jfittex u jikseb riżoluzzjoni ġusta tal-problemi legali permezz ta' firxa ta' servizzi legali u tal-ġustizzja, b'mod li jikkonforma mad-drittijiet fundamentali, inkluż l-aċċess għal informazzjoni legali affidabbli u t-tgawdija effettiva tas-salvagwardji proċedurali – għadu problematiku, fuq kollox f'kuntasti transfruntiera. Dan jaffettwa lill-individwi, bħall-vittmi u l-persuni suspettati jew akkużati b'reat, u n-negozji. Barra minn hekk, l-għodod eżistenti għall-ġbir tal-informazzjoni komparattiva dwar il-kwalità, l-indipendenza u l-ineffiċjenza tas-sistemi għodod tal-Istati Membri għadhom mhumieq biżżejjed. Dawn il-fatturi kollha jistgħu jdgħajfu l-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja ta' xulxin u għalhekk jistgħu jxekklu l-funzjonament xieraq tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE.

Fl-aħħar nett, il-livell ta' għarfien, ħiliet u sensibilizzazzjoni tal-*acquis* tal-UE u l-għodod diġitali tal-UE fost il-prattikanti fil-qasam tal-ġustizzja spiss ma jkunx biżżejjed. Minkejja l-progress li sar⁸, il-livell ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ għadu jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri u fost il-professjonijiet tal-ġustizzja. Dan għandu impatt negattiv fuq l-iżvilupp ta' kultura għodod Ewropea komuni, peress li l-prattikanti mħarrġa sew għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar li l-*acquis* tal-UE jiġi implimentat b'mod korrett u konsistenti fl-UE kollha. Il-professjonisti tal-ġustizzja wkoll ma għandhomx il-ħiliet diġitali meħtieġa u ma humieq mgħammra tajjeb biex jużaw għodod u infrastruttura diġitali. It-taħriġ dwar id-dritt tal-Unjoni

⁷ Stakeholder_contribution_on_rule_of_law_-_oecd.pdf (europa.eu); [9789264303416-2-en.pdf \(oecd-ilibrary.org\)](https://www.oecd-ilibrary.org/).

⁸ Kif huwa enfasizzat mir-rapporti annwali dwar it-taħriġ għodod Ewropew ippubblikati mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, mill-implimentazzjoni taż-żewġ strateġiji konsekuttivi Ewropej ta' taħriġ għodod (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 Niżguraw il-ġustizzja fl-UE – strateġija Ewropea għat-taħriġ għodod 2021-2024 u l-Komunikazzjoni tal-2011, Inkattru l-fiduċja f'ġustizzja Ewropea – dimensjoni ġdida għat-taħriġ għodod Ewropew), aktar minn żewġ miljun professjonisti tal-ġustizzja tal-UE pparteċipaw fit-taħriġ għodod fid-dritt tal-Unjoni.

huwa wkoll importanti b'mod partikolari fid-dawl tal-fatturi li ġejjin: (i) id-deterjorament tal-istat tad-dritt u l-attakki fuq id-drittijiet fundamentali f'xi Stati Membri; (ii) il-ħtieġa li jiġu pprevenuti u miġġielda forom ta' kriminalità serja, inkluża l-korruzzjoni; (iii) ir-rilevanza dejjem akbar tad-diġitalizzazzjoni; u (iv) il-fatt li hemm aktar u aktar individwi li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru ieħor⁹.

Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' indirizzar ta' dawn l-isfidi se jkollhom riperkussjonijiet serji, peress li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-kwistjonijiet għandhom dimensjoni transnazzjonali sinifikanti u ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-Istati Membri jekk jaġixxu waħedhom. Il-bini ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni effettiv għandu implikazzjonijiet profondi għall-ħajja politika, soċjali u ekonomika tal-UE. Għandu wkoll benefiċċji tanġibbli għall-ħajja ta' kuljum tan-nies u għall-operazzjonijiet tan-negozju. Il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2028-2034 se jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni bbażat fuq il-valuri tal-Unjoni, l-istat tad-dritt, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja, kif ukoll sistemi tal-ġustizzja effettivi, inklużivi, aċċessibbli u reżiljenti, li huma prekondizzjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Il-Programm il-ġdid se jiffaċilita wkoll l-aċċess għall-ġustizzja, jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u jippromwovi t-taħriġ ġudizzjarju b'enfasi akbar fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. L-oqsma ta' politika koperti minn din il-proposta legali huma ankrati b'mod sod fit-Trattati tal-UE, li jipprovdu l-bażijiet legali għall-azzjoni tal-UE permezz ta' intervent finanzjarju. Il-Programm dwar il-Ġustizzja se jkompli jsostni soċjetajiet miftuħa, demokratiċi, pluralistiċi u aktar ugwali u inklużivi taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (2028-2034).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

F'dawn l-aħħar snin, il-Programm dwar il-Ġustizzja appoġġa diversi inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika u kkontribwixxa direttament għat-twettiq ta' diversi prijoritajiet tal-Kummissjoni¹⁰. Il-prijoritajiet elenkati hawn taħt huma u se jsiru saħansitra aktar rilevanti għall-Programm dwar il-Ġustizzja:

1. *“Niproteġu d-demokrazija tagħna, niddefendu l-valuri tagħna”*. Il-Programm dwar il-Ġustizzja se jappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja billi jsaħħaħ l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali bħala pedament demokratiku tal-UE. L-enfasi msaħħa l-ġdida tal-Programm fuq id-diġitalizzazzjoni se tagħmel is-sistemi ġudizzjarji aktar effiċjenti, billi tippermetti aċċess aktar rapidu għall-protezzjoni legali. Din l-enfasi l-ġdida tikkomplementa direttament l-isforzi biex jiġu ssalvagwardjati d-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, u tiżdied iċ-ċertezza legali, il-protezzjoni tal-investment, il-ġustizzja proċedurali u l-fiduċja pubblika f'istituzzjonijiet demokratiċi. Il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2028-2034 se jappoġġa l-indipendenza ġudizzjarja u jżid il-kapaċità li jiġu infurzati l-liġijiet, inklużi regoli rilevanti għall-protezzjoni tad-demokrazija. Dan se jippermetti l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera biex jiġu miġġielda r-reati diġitali transfruntiera u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali li jallinjaw ma' politiki usa' ta' infurzar diġitali bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali¹¹, l-Att dwar l-IA¹² u l-Att Ewropew dwar l-

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, Niżguraw il-ġustizzja fl-UE – strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024. Disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0713>.

¹⁰ [Il-Linji Gwida politiċi tal-Kummissjoni Ewropea 2024-2029](#).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), *ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1–102*, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj>.

¹² Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), *ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj*.

Aċċessibbiltà¹³. Dan se jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-Karta billi jappoġġa t-taħriġ tal-professjonisti legali dwar id-drittijiet fundamentali. Għal dan il-għan, se jitrawmu sinerġiji b'mod partikolari mal-programm AgoraEU¹⁴.

2. “*L-appoġġ lin-nies, it-tisħiħ tas-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna*”. Il-Programm dwar il-Ġustizzja se jikkontribwixxi biex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali, pereżempju billi jipromwovi t-taħriġ ġudizzjarju dwar in-nondiskriminazzjoni u dwar l-applikazzjoni tal-Karta u johlqo rabtiet mal-politiki ta' koeżjoni soċjali billi jappoġġa protezzjoni legali konsistenti fl-Istati Membri kollha. Il-Programm se jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹⁵ billi jiżgura l-infurzabbiltà permezz ta' mekkaniżmi tal-ġustizzja aktar aċċessibbli. Barra minn hekk, is-sistemi tal-ġustizzja diġitalizzati, stabbiliti b'attenzjoni xierqa għall-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà u l-ħtiġijiet tal-persuni affettwati kollha, għandhom il-potenzjal li jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja, inkluż billi jnaqqsu l-ostakli, speċjalment għat-tfal u għal gruppi vulnerabbli oħra bħall-persuni b'diżabbiltà, ir-Rom u komunitajiet marġinalizzati oħra. F'dan ir-rigward, se jitrawmu sinerġiji mal-programm Erasmus+¹⁶ u mal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali¹⁷ inkluż, b'mod partikolari fil-qafas tal-Fond Soċjali Ewropew¹⁸. Billi ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà (eż. il-vidjokonferenzi, il-preżentazzjoni elettronika), il-ġustizzja diġitali tista' tinforma aħjar lill-partijiet interessati, taqdi l-ħtiġijiet ta' ħafna individwi u negozji, u tnaqqas l-inugwaljanzi fl-aċċess għad-drittijiet u s-servizzi, billi ssaħħaħ il-ġustizzja soċjali u interġenerazzjonali u tagħmel il-proċessi legali aktar effiċjenti u inklużivi.

3. “*Inwettqu flimkien u nħejju l-Unjoni tagħna għall-futur*”. Il-Programm dwar il-Ġustizzja se jikkontribwixxi għal Unjoni aktar integrata u effettiva, inkluż billi johlqo u jgħaqqad infrastruttura diġitali fl-Istati Membri. L-enfasi akbar tiegħu fuq id-diġitalizzazzjoni se tnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-Istati Membri, twassal għal iffrankar għaċ-ċittadini u għan-negozji, ittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera u tappoġġa r-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tas-sentenzi. Fl-istess ħin, il-Programm se jappoġġa l-għan tas-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-UE billi jipromwovi aktar interoperabbiltà fost is-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja. F'dan ir-rigward, se jitrawmu sinerġiji mal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali biex jiġi żgurat progress dwar id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

1. “*Pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa*”. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività billi toħloq sistemi tal-ġustizzja aktar effiċjenti, bi proċeduri legali ssimplifikati u b'ħin u kostijiet imnaqqa għal litigazzjoni transfruntiera fl-UE kollha. Dan huwa importanti b'mod partikolari għall-SMEs u għall-istart-

¹³ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, *ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70–115, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj>*.

¹⁴ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-programm “AgoraEU” għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818, COM(2025) 550 final.

¹⁵ https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/policies-and-activities/european-pillar-social-rights-building-fairer-and-more-inclusive-european-union_mt.

¹⁶ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888, COM(2025) 549 final.

¹⁷ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, COM(2025) 565 final.

¹⁸ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [Pjan SNR] li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034, COM(2025) 558 final.

ups. F'dan ir-rigward, se jitravmu sinerġiji mal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali f'oqsma ewlenin bħall-ħiliet, il-bini tal-kapaċitajiet u d-diġitalizzazzjoni. Il-Programm se jikkomplementa wkoll il-pjan biex japprofondixxi s-Suq Uniku (speċjalment fis-servizzi u fis-setturi diġitali u fis-servizzi finanzjarji) billi jipromwovi l-interoperabbiltà legali u l-infurzar b'anqas intoppi tar-regoli tal-UE. Billi jiffinanzja attivitajiet dwar il-politika tal-konsumatur u tal-investituri, id-dritt tal-kumpaniji u d-dritt kuntrattwali u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-programm tas-Suq Uniku u Doganali tal-2028-2034 se jikkomplementa l-Programm dwar il-Ġustizzja u se jikkontribwixxi direttament għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-ħolqien ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni. Barra minn hekk, billi jsaħħaħ l-istat tad-dritt u ċ-ċertezza legali, il-Programm dwar il-Ġustizzja se jsaħħaħ l-ambjent tal-investment, isaħħaħ l-azzjonijiet li jirfdu l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti¹⁹ u jappoġġa l-Fond Ewropew għall-Kompetittività²⁰ billi joħloq qafas legali stabbli għall-attività tan-negozju. Fl-aħħar nett, se jkun hemm ukoll sinerġiji fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, speċifikament dwar il-ħtieġa li jiġi approfondit il-fehim tal-użu ta' teknoloġiji ġodda avvanzati, bħall-IA, fis-settur tal-ġustizzja u, għalhekk, se jitravmu sinerġiji mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jmiss (Orizzont Ewropa)²¹.

2. *“Era ġdida għad-Difiża u s-Sigurtà Ewropej”*: Il-Programm dwar il-Ġustizzja jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera, li hija kruċjali għas-sigurtà u għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u t-theddid ċibernetiku. Il-Programm jappoġġa wkoll l-infurzar tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) u jipprovdi infrastruttura diġitali għal aċċess legali għall-evidenza elettronika u għall-ġestjoni tal-każijiet bejn il-fruntieri. Barra minn hekk, il-Programm dwar il-Ġustizzja jappoġġa miżuri kontra l-korruzzjoni fil-livell tal-UE. Dan jikkomplementa s-sejħa għal riflessjoni dwar l-estensjoni tal-kompetenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) biex jittratta reati transfruntiera serji, speċjalment il-korruzzjoni, li jħallu impatt fuq il-fondi tal-Unjoni u ma jstgħux jiġu ttrattati mill-Istati Membri waħedhom. Barra minn hekk, il-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029²² jinkludu l-ambizzjoni li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Europol li tappoġġa lill-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji u korpi oħra tal-UE. Din l-ambizzjoni hija allinjata mill-qrib mal-enfasi akbar tal-Programm fuq id-diġitalizzazzjoni, li tippermetti trażmissjoni aktar rapida tal-evidenza, koordinazzjoni f'ħin reali u użu mtejjeb ta' IA/analitika tad-data sigura fl-infurzar legali fil-limiti tal-oqfsa legali applikabbli. Tallinja wkoll mal-istabbiliment tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AMLA, Authority for Anti-Money Laundering and Countering the Financing of Terrorism), li se tgħin biex tipprevjeni li s-sistema finanzjarja tal-Unjoni tintuża għall-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tat-terroriżmu. Bl-istess mod, ir-riforma tal-Eurojust se tgħin biex il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet transfruntiera ssir aktar effettiva, inkluż bis-saħħa ta' għodod diġitali ġodda. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja se tipprovdi wkoll reżiljenza teknika, infrastruttura sigura għas-sistemi legali u oqfsa għall-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità, u b'hekk tikkomplementa l-istrateġiji tal-Unjoni tal-Preparatezza²³ u tad-difiża ċibernetika²⁴ kif ukoll il-“ProtectEU –

¹⁹ https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/savings-and-investments-union_en?prefLang=mt.

²⁰ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (“FEK”), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) [EDIP], COM/2025/555 final.

²¹ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695, COM/2025/543 final.

²² [Il-Linji Gwida politiċi tal-Kummissjoni Ewropea 2024-2029](#).

²³ https://commission.europa.eu/topics/preparedness_mt.

²⁴ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/cybersecurity-strategy>.

Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna"²⁵. Minħabba l-konnessjonijiet intrinziċi bejn is-sigurtà u l-ġustizzja fil-prattika, se jkun hemm sinerġiji mal-fondi tal-UE li jkopru l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna, pereżempju biex jiġi pprovdut taħriġ adegwat lill-ġudikatura, ukoll fir-rigward tar-regoli ġodda introdotti mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u tiġi żgurata protezzjoni effettiva lill-vittmi tal-kriminalità, interoperabbiltà mas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS, European Criminal Records Information System) u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fl-oqsma tal-ġustizzja u s-sigurtà interna, inkluż permezz ta' aġenziji u korpi relatati mal-ġustizzja bħall-Eurojust u l-UPPE.

3. "Ewropa Globali: Nisfruttaw is-Setgħa u s-Šhubijiet Tagħna": L-enfasi tal-Programm fuq l-istat tad-dritt, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja se jirriflettu kif dawn jiġu promossi fil-livell globali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU)²⁶. F'dan ir-rigward, se jiġu żviluppati sinerġiji mal-Ewropa Globali²⁷, peress li l-Programm dwar il-Ġustizzja se jikkontribwixxi għall-azzjoni esterna tal-UE billi jsaħħaħ is-sistemi ġudizzjarji fil-pajjiżi tal-adeżjoni fil-kuntest tal-proċess tat-tkabbir.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 81(1) u (2) u l-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 81(1) tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżviluppa l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntiera.

L-Artikolu 81(2) tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw ir-rikonossiment u l-infurzar reċiproku tas-sentenzi; in-notifika transfruntiera ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji; l-aċċess effettiv għall-ġustizzja u l-appoġġ fit-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju. L-Artikolu 82(1) tat-TFUE jipprevedi miżuri li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Il-kombinazzjoni ta' dawn l-Artikoli tippermetti approċċ komprensiv li jappoġġa l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, b'mod speċjali kwistjonijiet trażversali li jaffettwaw iż-żewġ oqsma.

• Ġeometrija varjabbli

Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq bażijiet legali skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE, dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. B'konsegwenza ta' dan, l-applikazzjoni tar-Regolament għad-Danimarka u għall-Irlanda hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll Nru 21 u fil-Protokoll Nru 22 annessi mat-TUE u mat-TFUE.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri proposti skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE, u tali miżuri ma humiex vinkolanti jew applikabbli fid-Danimarka.

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21, l-Irlanda ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri proposti skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE, u tali miżuri ma

²⁵ https://home-affairs.ec.europa.eu/news/commission-presents-protecteu-internal-security-strategy-2025-04-01_mt.

²⁶ <https://sdgs.un.org/goals>.

²⁷ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ewropa Globali, COM/2025/551 final.

jorbtux lill-Irlanda u lanqas ma huma applikabbli fiha. Madankollu, l-Irlanda tista' tagħżel li tiegħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura proposta bħal din. Barra minn hekk, fi kwalunkwe mument wara l-adozzjoni ta' tali miżura, l-Irlanda tista' taççetta l-miżura, soġġett għat-tlestija tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-oġġettivi deskritti fit-taqsimha "raġunijiet u oġġettivi" għandhom dimensjoni transnazzjonali b'saħħitha u jirrikjedu soluzzjonijiet konġunti, kif ukoll governanza, koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE. L-azzjonijiet nazzjonali iżolati jkunu anqas effettivi u jħallu anqas impatt mill-isforzi kkoordinati fil-livell tal-UE, li jrawmu l-kooperazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet, l-apprendiment reċiproku u l-kondiviżjoni tar-riżorsi, l-għarfien espert u l-aħjar prattika.

Mingħajr azzjoni u finanzjament tal-UE, it-tħaddim ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni jkun f'riskju, u dan jaffettwa b'mod negattiv haġna benefiċjarji, speċjalment membri tal-ġudikatura, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) li jaħdmu dwar l-aċċess għall-ġustizzja, u networks legali fl-UE kollha. L-appoġġ tal-UE jgħin biex jingħelbu l-ostakli nazzjonali, u b'hekk kull Stat Membru jkun jista' jaġixxi fuq kwistjonijiet li ma setax jindirizza waħdu. Dan jiżgura li l-ebda Stat Membru ma jitħalla lura fl-indirizzar ta' problemi transfruntiera.

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija kruċjali wkoll biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet fl-UE kollha li jistgħu ma jkunux ikklassifikati wisq fl-għoli fl-aġendi nazzjonali jew fejn ikun meħtieġ appoġġ immirat. F'xi oqsma, l-isforzi nazzjonali waħedhom jistgħu ma jkunux biżżejjed, ikunu fuq perjodu ta' żmien qasir jew ikunu allinjati ħażin mal-prijoritajiet tal-UE. Pereżempju, l-UE għandha tkompli tappoġġa t-taħriġ transfruntiera dwar id-dritt tal-Unjoni u l-iskambji għall-professjonisti ġudizzjarji. Dan ma huwiex biss obbligu bbażat fuq it-Trattat, iżda huwa essenzjali wkoll biex jiġu indirizzati sfidi transnazzjonali kondiviżi, biex il-professjonisti tal-ġustizzja jingħataw il-ħiliet it-tajba u biex jissaħħu l-valuri ewlenin tal-Unjoni.

L-UE tinsab f'pożizzjoni unika biex toħloq opportunitajiet transfruntiera għall-professjonisti tal-ġustizzja biex jgħaqqdu, jiżviluppaw u jikkontribwixxu għal kultura legali kondiviża. Għalhekk għandha tkompli tippromwovi l-kooperazzjoni transnazzjonali, is-sensibilizzazzjoni u n-networking. Tali attivitajiet jibnu fiduċja reċiproka fost is-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja u jgħinu fil-ġbir ta' data komparattiva dwar il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tagħhom – xi ħaġa li l-Istati Membri individwali ma jistgħux jiksibu waħedhom.

L-azzjoni tal-UE hija daqstant kruċjali f'oqsma li jeħtieġu koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex jiġu rrispettati l-istandards tal-ġustizzja internazzjonali, bħall-SDGs tan-NU, u biex tinżamm pożizzjoni unifikata tal-UE dwar kwistjonijiet ewlenin bħad-drittijiet fundamentali fl-isfera diġitali u l-protezzjoni tad-data.

Fl-aħħar nett, l-azzjoni tal-UE hija essenzjali għall-avvanz tar-riformi tal-ġustizzja fil-pajjiżi kandidati bħala parti mill-proċess tat-tkabbir, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dawn l-isforzi huma vitali għas-salvagwardja tal-istandards tal-ġustizzja tal-UE, għat-tlestija tas-Suq Uniku u għat-tisħiħ tal-koeżjoni u tal-prosperità tal-UE.

Minbarra l-ħtieġa għal azzjoni tal-UE f'dan il-qasam, il-fondi tal-UE għandhom ukoll valur miżjud qawwi minħabba li l-UE tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tiżgura li s-sistemi tal-ġustizzja fl-Unjoni kollha jkunu jistgħu joperaw b'mod armonizzat. L-intervent tal-UE għandu valur miżjud intrinsiku għat-taħriġ ġudizzjarju tal-UE peress li d-delega ta' din ir-responsabbiltà fil-livell nazzjonali tkun twassal għal fehim u implimentazzjoni aktar inkonsistenti tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha. Dan se jkollu effetti negattivi fuq il-kapaċità kumplessiva tal-atturi nazzjonali biex jimplementaw il-politiki u l-liġijiet tal-UE,

jindirizzaw kwistjonijiet transfruntiera u fuq l-iżvilupp ta' proġetti transnazzjonali multinazzjonali. Barra minn hekk, l-azzjoni tal-UE dwar il-politiki tal-ġustizzja tgħin biex tagħti spinta lis-Suq Uniku u ttejjeb il-kompetittività. Qafas tal-ġustizzja komprensiv u armonizzat fl-Istati Membri kollha jnaqqas l-inċertezzi u l-inkonsistenzi legali, u b'hekk jiffaċilita operazzjonijiet u investimenti transfruntiera b'anqas intoppi. L-infurzar prevedibbli tar-Regolamenti, il-protezzjoni konsistenti tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali u l-mekkaniżmi effettivi għas-soluzzjoni tat-tilwim huma kruċjali għaż-żamma tal-fiduċja tal-investituri u għall-inkoraġġiment tal-intraprenditorija u tal-innovazzjoni. Billi tipprovdni standards legali ċari u tiżgura l-applikazzjoni uniformi tagħhom, l-UE tgħin lill-kumpaniji joperaw b'mod effiċjenti, tnaqqas il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u ttejjeb l-attrazzjoni kumplessiva tas-Suq Uniku. Din il-prevedibbiltà legali ssaħħaħ ukoll il-kompetizzjoni ġusta billi tiżgura li n-negozji jiffaċċjaw kundizzjonijiet ugwali irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom fl-UE, u b'hekk tippromwovi l-istabbiltà ekonomika u t-tkabbir sostenibbli.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan iddikjarat fil-livell tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Programm dwar il-Ġustizzja l-ġdid tal-2028-2034 jibni primarjament fuq il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027. L-aktar strument xieraq għall-operazzjonalizzazzjoni tal-qafas propost huwa Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 tenfasizza li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm huma koerenti mal-politiki u l-prijoritajiet fil-livelli tal-UE u dawk nazzjonali, allinjati ma' strumenti ta' finanzjament oħra tal-UE u konsistenti mal-impenji u l-oġettivi internazzjonali, bħall-SDGs²⁸. L-arkitettura ssimplifikata tal-Programm tal-2021-2027 tippermetti impatt akbar u approċċ aktar iffokat f'oqsma ewlenin meta mqabbel mal-Programm preċedenti 2014-2020. B'mod speċifiku, il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 qiegħed jikkontribwixxi b'suċċess għall-appoġġ tar-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-Istati Membri kollha u għat-titjib tal-kooperazzjoni transfruntiera, billi johlq impatt fit-tul permezz tal-iżvilupp ulterjuri ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni koeżiv mibni fuq il-fiduċja u l-kooperazzjoni reċiproċi.

Il-finanzjament dirett lill-benefiċjarji wassal għal benefiċċji immedjati u tanġibbli għall-gruppi fil-mira involuti. B'mod partikolari, il-finanzjament għan-networks tal-UE bħan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN, European Judicial Training Network) jiffaċilita l-kollaborazzjoni sostnuta, il-bini tal-kapaċitajiet u l-involviment kontinwu ta' kwalità għolja fost il-professjonisti legali fl-UE kollha. Barra minn hekk, l-enfasi kontinwa tal-Programm fuq it-taħriġ ġudizzjarju tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tgħaqqad u tiżviluppa x-xenarju legali tal-UE. Il-programm dwar il-Ġustizzja għandu rwol kruċjali fit-trawwim ta' kultura legali kondiviża billi jħarreġ eluf ta' mħallfin, avukati u persunal tal-qorti u billi jappoġġa l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-2021-2024 dwar it-taħriġ ġudizzjarju

²⁸

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027, COM(2025)267 u SWD(2025)134.

Ewropew²⁹. Billi jiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattika, il-Programm isaħħaħ il-kollaborazzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li jiżgura li l-prattikanti ġudizzjarji japplikaw id-dritt tal-Unjoni b'mod uniformi, koerenti u konsistenti bejn il-fruntieri, u b'hekk tissaħħaħ l-integrità tal-leġislazzjoni tal-UE.

Il-Programm tal-2021-2027 jibni fuq il-progress miksub fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti (2014-2020), billi jkompli jnaqqas l-ostakli għall-ġustizzja u jtejjeb l-oqfsa u l-protezzjonijiet għal individwi emarġinati³⁰. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu tindika xi oqsma għal titjib. L-ewwel nett, l-evidenza miġbura permezz tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tenfasizza l-hteġa li tiġi estiża l-firxa tal-Programm. Anki jekk diġà laħaq għadd kbir ta' nies, l-għarfien tal-Programm jibqa' limitat fost ċerti tipi ta' partijiet ikkonċernati³¹ u jvarja wkoll bejn l-Istati Membri. Dan jissuġġerixxi li filwaqt li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Programm huma effettivi, dawn jistgħu ma jkunux qegħdin jilhq u s-setturi u l-Istati Membri kollha bl-istess mod³². Barra minn hekk, xi partijiet ikkonċernati ssuġġerew li jiġi inkluż persunal tas-servizzi korrettivi u tal-ħabsijiet fil-gruppi fil-mira tal-Programm. Sabiex jiġi rifless aħjar l-impatt tal-Programm u jittejjbu l-valur miżjud u l-viżibbiltà tiegħu, jistgħu jiġu kkunsidrati azzjonijiet ulterjuri, eż. proċess aktar sistematiku għall-ġbir tal-perċezzjonijiet u l-esperjenzi tal-partijiet ikkonċernati, u modi kif il-pjattaformi eżistenti (bħall-EJTN u l-portal tal-Ġustizzja elettronika) jiġu konnessi ma' proġetti ta' suċċess fuq il-portal tal-UE għall-Finanzjament u għall-Offerti. Barra minn hekk, biex tibqa' tiżdied il-kosteffettività tal-Programm, il-kollaborazzjoni man-networks eżistenti fil-livell tal-UE tista' tkompli tiġi esplorata.

Dawn is-sejbiet kollha jitqiesu għall-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2028-2034 ippreżentat f'din il-proposta.

F'termini tal-indirizzar ta' sfidi ġodda, id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja saret objettiv trażversali sinifikanti tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027, b'mod partikolari wara l-pandemija tal-COVID-19, li aċċellerat l-użu tat-teknoloġiji diġitali. Din l-enfasi tiffaċilita aċċess aktar faċli għall-informazzjoni legali, timmodernizza l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntieri u tappoġġa l-għanijiet usa' tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE, biex b'hekk tagħmel is-sistemi tal-ġustizzja aktar effiċjenti u aċċessibbli. L-investment fid-diġitalizzazzjoni jsaħħaħ ukoll id-drittijiet fundamentali fil-qasam tal-ġustizzja, bħall-preżunzjoni tal-innoċenza³³. Barra minn hekk, iż-żieda fl-użu tal-għodod diġitali tespandi l-firxa tal-Programm b'mod effiċjenti. Għad hemm lok għal aktar kapitalizzazzjoni fuq l-opportunitajiet li ggħib magħha d-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja. Din hija r-raġuni għaliex il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2028-2034 se jkollu enfasi akbar fuq id-diġitalizzazzjoni skont l-oġettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu. Dan se jiżgura approċċ aktar strateġiku u konsistenti għall-kwistjonijiet u l-isfidi kollha relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-istrateġija ta' konsultazzjoni li kienet ta' appoġġ għal din il-ħidma ta' tħejjija għall-Programm kienet tinkludi: (i) l-ewwel konsultazzjoni pubblika miftuħa (OPC, Open Public Consultation) għall-evalwazzjoni finali tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2014-2020 u l-

²⁹ Pereżempju, fl-2022, 24 208 professjonist tal-ġustizzja ħadu sehem fit-taħriġ appoġġat mill-Programm dwar il-Ġustizzja (madwar 35,3 % ta' dawk kollha li rċevew taħriġ (ko)iffinanzjat mill-UE dwar id-dritt tal-Unjoni dik is-sena). Ara d-[dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-Programm dwar il-Ġustizzja](#).

³⁰ L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027, COM(2025)267 u SWD(2025)134.

³¹ L-awtoritajiet tal-edukazzjoni għolja u dawk pubbliċi rrapportaw għarfien ogħla tal-Programm meta mqabbla mal-OSĊ.

³² L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027, COM(2025) 267 u SWD(2025)134.

³³ *Ibidem*.

evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027; (ii) it-tieni OPC fl-oqsma tal-edukazzjoni transfruntiera, taż-żgħażaġh, tal-kultura, tal-media, tal-valuri u tas-soċjetà ċivili; u (iii) konsultazzjonijiet *ad hoc* li l-Kummissjoni organizzat fil-forma ta' intervisti u sħarriġ immirat mal-partijiet ikkonċernati.

L-ewwel OPC kellha l-għan li ssaħħaħ il-bażi tal-evidenza għall-evalwazzjoni taż-żewġ Programmi dwar il-Ġustizzja billi tiġbor il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tal-Programmi. Din tnediet fit-3 ta' April 2024 u kienet miftuħa għal 12-il ġimgħa (u għalqet fis-26 ta' Ġunju 2024).

B'mod ġenerali, ir-rispondenti għal din l-OPC qiesu li l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programmi dwar il-Ġustizzja huma rilevanti ħafna. Fost l-oġġettivi speċifiċi, it-taħriġ ġudizzjarju u l-aċċess għall-ġustizzja tqiesu bħala l-aktar rilevanti. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti qiesu li l-attivitajiet iffinażjati mill-Programmi dwar il-Ġustizzja huma rilevanti, b'mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp u ż-żamma tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni³⁴, bid-diġitalizzazzjoni meqjusa bħala dimensjoni importanti tal-Programm. Ir-rispondenti qiesu li ż-żewġ programmi huma effettivi biex jilhqgħu l-oġġettivi tagħhom u r-riżultati maħsuba, speċifikament fir-rigward ta': (i) it-titjib tal-aċċess għaċ-ċittadini kollha għas-servizzi tal-OSĊ, l-attivitajiet ta' konsulenza u l-attivitajiet ta' appoġġ (ivvalutati bħala milħuqa sa livell għoli ħafna jew għoli minn 62 % tar-rispondenti); (ii) l-appoġġ tal-attivitajiet ta' taħriġ għall-partijiet ikkonċernati (ivvalutati bħala milħuqa sa livell għoli ħafna jew għoli minn 50 % tar-rispondenti); u (iii) ż-żieda tal-interoperabbiltà transfruntiera tas-sistemi (ivvalutati bħala milħuqa sa livell għoli ħafna jew għoli minn 50 % tar-rispondenti). F'dak ir-rigward, ir-rispondenti enfasizzaw l-iżvilupp tal-E-CODEX u tal-ECRIS, kif ukoll it-taħriġ fl-użu tal-għodod tal-IT, bħala rilevanti u effettivi b'mod partikolari. F'termini ta' koerenza, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti ma setgħux iqabblu l-Programm dwar il-Ġustizzja ma' programmi oħra (tlieta biss minn tmien rispondenti indikaw li kienu familjari ma' inizjattivi simili oħra tal-UE u/jew inizjattivi nazzjonali fil-qasam tal-ġustizzja). Żewġ rispondenti qiesu li l-Programmi dwar il-Ġustizzja huma komplementari għal programmi jew inizjattivi oħra tal-UE fil-biċċa l-kbira tagħhom, u wieħed sa ċertu punt limitat. Kien hemm kunsens fost ir-rispondenti dwar il-valur miżjud tal-UE taż-żewġ programmi, bir-rispondenti kollha jqisu li l-UE kienet fl-aħjar pożizzjoni biex tiffinanzja t-tip ta' attivitajiet taħt il-Programm dwar il-Ġustizzja, peress li l-involvement tal-UE żgura li l-Istati Membri kollha jaderixxu mal-istess standards, u dan irriżulta f'aċċess aktar ugwali għall-ġustizzja. B'riżultat ta' dan, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti qiesu li, kieku l-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 kellu jieqaf, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiksibu riżultati simili fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali u l-kooperazzjoni teknika ssir limitata għal proġetti bilaterali fuq skala iżgħar bejn l-Istati Membri ġirien, filwaqt li xi organizzazzjonijiet ma jkunux jistgħu jakkwistaw finanzjament affattu. Rapport ta' sommarju tal-OPC huwa disponibbli fuq il-*"pjattaforma Semma' Leħnek"* tal-Kummissjoni Ewropea³⁵.

It-tieni OPC, li informat il-valutazzjoni tal-impatt għall-programmi tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni transfruntiera, taż-żgħażaġh, tal-kultura, tal-media, tal-valuri u tas-soċjetà ċivili skont il-QFP tal-2028-2034, twettqet bejn it-12 ta' Frar u s-7 ta' Mejju 2025³⁶. Il-programmi tal-UE koperti minn din l-OPC kienu: Ewropa Kreattiva, Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u l-

³⁴ Meqjusa rilevanti ħafna minn 62 % tar-rispondenti.

³⁵ [Il-Programm Ġustizzja - evalwazzjoni finali tal-programm 2014-2020 u evalwazzjoni interim tal-programm 2021-2027.](#)

³⁶ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14523-EUs-next-long-term-budget-MFF-EU-funding-for-cross-border-education-training-and-solidarity-young-people-media-culture-and-creative-sectors-values-and-civil-society_mt.

Programm dwar il-Ġustizzja. L-għan ta' din l-OPC kien li tgħin fil-valutazzjoni tal-perċezzjoni pubblika tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-UE tal-programmi tal-UE u biex jiġu identifikati l-ostakli għall-impatt speċifiku tagħhom u għat-titjib potenzjali fl-arkitettura tal-Programmi. Il-konsultazzjoni pubblika rċeviet 4 861 risposta minn 110 pajjiżi, li jinkludu l-Istati Membri kollha tal-UE kif ukoll pajjiżi mhux tal-UE³⁷. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-risposti ġew minn risponenti b'esperjenza tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; 60 risponent biss iddikjaraw li għandhom esperjenza fir-rigward tal-Programm dwar il-Ġustizzja. Iċ-ċittadini tal-UE sottomettew 51 % tar-risposti. F'dan il-grupp, madwar 1 200 risponent kellhom anqas minn 30 sena. L-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet issottomettew 49 % tar-risposti. Dawn kienu jinkludu 17 % ta' risposti minn korpi akkademiċi u ta' riċerka, li l-maġġoranza tagħhom kienu istituzzjonijiet kbar, b'69 % minnhom jimpjegaw aktar minn 250 persuna. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs, Non-Governmental Organisations), li diversi minnhom kienu networks ġenerali tal-OSĊ, ikkontribwew 11 % oħra tas-sottomissjonijiet. L-awtoritajiet pubbliċi kienu jirraappreżentaw 232 sottomissjoni, inkluża taħlita ta' entitajiet internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-kumpaniji u n-negozji pprovdew 208 risposta oħra. Wasal għadd żgħir ta' risposti addizzjonali (madwar 45) mingħand it-trade unions, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, il-gruppi tal-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet ambjentali.

Uħud mir-risultati ewlenin rilevanti għall-qasam tal-ġustizzja huma spjegati hawn taħt:

- Skont ir-risponenti, *“id-difiża u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt”* hija prijorità ta' politika importanti (22,51 %) u importanti ħafna (58,71 %) u qasam fejn il-finanzjament tal-UE jipprovdi valur miżjud fil-biċċa l-kbira meta mqabbel mal-finanzjament fil-livell nazzjonali, lokali jew reġjonali (50,44 %);
- Skont ir-risponenti, *“il-protezzjoni effettiva tal-fondi tal-UE kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra”* hija prijorità ta' politika importanti (25,78 %) u importanti ħafna (55,09 %) u qasam fejn il-finanzjament tal-UE jipprovdi valur miżjud fil-biċċa l-kbira meta mqabbel mal-finanzjament fil-livell nazzjonali, lokali jew reġjonali (54,68 %);
- Skont ir-risponenti, *“il-bini ta' żona tal-UE ta' ġustizzja, il-promozzjoni tat-taħriġ ġudizzjarju, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja”* hija prijorità ta' politika importanti (29,77 %) u importanti ħafna (37,03 %) u qasam fejn il-finanzjament tal-UE jipprovdi valur miżjud fil-biċċa l-kbira meta mqabbel mal-finanzjament fil-livell nazzjonali, lokali jew reġjonali (47,85 %);
- Fl-istess ħin, ir-risponenti jqisu li l-azzjonijiet li ġejjin, li huma rilevanti b'mod partikolari fl-ambitu tal-Programm dwar il-Ġustizzja, iġibu magħhom fil-biċċa l-kbira impatt pożittiv fil-futur: *“L-appoġġ għall-apprendiment reċiproku transfruntiera, l-iskambju ta' Prattiki tajbin u kooperazzjoni, il-bini ta' koalizzjonijiet”* (72,19 %), *“L-appoġġ għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' networks u organizzazzjonijiet fil-livell tal-UE”* (60,48 %), *“Il-bini tal-kapaċitajiet u attivitajiet ta' taħriġ/ħarreġ lil min iħarreġ”* (56,10 %), *“Possibilitajiet ta' apprendiment reċiproku transfruntiera fil-qasam tal-ġustizzja”* (49,08 %).

• Għarfien espert estern

Il-Proposta kienet ibbażata fuq rapporti u valutazzjonijiet esterni u interni, eż. evalwazzjonijiet tal-programm (ta' nofs it-terminu u *ex post*), l-eżerċizzju ta' rieżami tal-infiq,

³⁷

Il-pajjiż ta' residenza bl-aktar kontributi kumplessivament kien il-Ġermanja, segwita minn Franza u l-Italja.

rapporti u dokumenti minn istituzzjonijiet oħra tal-UE, aġenziji u organizzazzjonijiet internazzjonali³⁸.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt dwar l-edukazzjoni transfruntiera, iż-żgħażaġh, il-kultura, il-media, il-valuri u s-soċjetà ċivili analizzat il-futur ta' ħames programmi ta' finanzjament f'dan il-cluster, inkluż il-Programm dwar il-Ġustizzja.

Iż-żewġ għażliet ta' hawn taħt ġew skartati fi stadju bikri:

– **Waqfien tal-finanzjament tal-UE:** din l-għażla ġiet miċħuda immedjatament minħabba l-importanza tal-problemi li jaffettwaw l-oqsma ta' politika f'dan il-cluster, il-prominenza mogħtija lil dawn il-politiki fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029³⁹ u l-valur miżjud tal-interventi tal-UE, mirfuda mill-evalwazzjonijiet rispettivi ta' nofs it-terminu.

– **L-amalgamazzjoni tal-Programm dwar il-Ġustizzja ma' programmi oħra f'dan il-cluster:** din l-għażla ġiet skartata wkoll fi stadju bikri għal raġunijiet legali. Il-Programm dwar il-Ġustizzja ma jistax jiġi amalgamat ma' programmi oħra f'dan il-cluster, peress li mhux is-27 Stat Membru kollha tal-UE jipparteċipaw fil-Programm dwar il-Ġustizzja (għall-kuntrarju tal-programmi eżistenti l-oħra fil-cluster). Il-bażijiet legali tar-Regolament li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 huma l-Artikolu 81(1) u (2) u l-Artikolu 82(1) tat-TFUE. Dawn id-dispożizzjonijiet huma parti mit-Titolu V tat-TFUE, li jkopri l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Bis-saħħa tal-Protokoll annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma tiħux sehem fid-deċizzjonijiet meħuda skont it-Titolu V f'konformità mal-Protokoll Nru 22 (magħrufa bħala “nonparteċipazzjoni”) u l-Irlanda tista' tagħżel li tiegħu sehem f'ċerti miżuri jekk tiddeċiedi li tużufuwixxi mill-“inklużjoni fakultattiva”, f'konformità mal-Protokoll Nru 21. Il-programmi l-oħra fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-impatt huma miftuħa għall-Istati Membri kollha u għalhekk inkompatibbli mal-bażijiet legali tat-Titolu V.

Għażliet miżmuma: Il-Kummissjoni ddeċidiet li jkollha Programm dwar il-Ġustizzja awtonomu, minħabba li kemm l-evalwazzjoni finali tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2014-2020 kif ukoll l-evalwazzjoni *interim* tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 ikkonfermaw li l-Programm ipprova valur miżjud uniku li jkun diffiċli li jiġi rreplikat fil-livell nazzjonali. Din id-Deċiżjoni hija riflessa fil-pakkett tal-proposti tal-QFP ta' wara l-2027 li l-Kummissjoni ppreżentat fis-16 ta' Lulju 2025.

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB, Regulatory Scrutiny Board) għal skrutinju tal-kwalità. L-RSB ta opinjoni tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-impatt fit-13 ta' Ġunju 2025. L-RSB għamel serje ta' kummenti u rakkomandazzjonijiet dwar dan li ġej: l-ambitu, id-definizzjoni tal-problemi u l-użu tal-evalwazzjonijiet, il-loġika u l-oġettivi tal-intervent, it-tqabbil tal-għażliet u l-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji, il-governanza, il-koerenza u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni futuri. Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta legali ġiet rieżaminata f'konformità mal-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tal-RSB.

- **Simplifikazzjoni**

³⁸ Inkluż pereżempju: [Stakeholder contribution on rule of law - oecd.pdf \(europa.eu\)](#); https://eige.europa.eu/gender-statistics/dgs/indicator/wmidm_jud_natcr_wmid_natcr_supcr/datatable; http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_mt.asp.

³⁹ [Il-Linji Gwida politiċi tal-Kummissjoni Ewropea 2024-2029](#).

L-inizjattiva se tkun konformi mal-Komunikazzjoni dwar il-perkors lejn il-QFP tal-2028-2034⁴⁰ u l-għan tagħha li tissimplifika l-ġestjoni, il-governanza u l-implimentazzjoni tal-UE tal-programmi tal-UE biex tittejjeb l-effiċjenza għall-applikanti, għall-benefiċjarji u għall-istituzzjonijiet tal-UE. Se jsiru sforzi biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti tal-applikazzjoni, tal-ġestjoni u tar-rapportar u biex tiġi pprovduta gwida addizzjonali. Il-ġbir flimkien tar-riżorsi, inkluż f'oqsma bħall-monitoraġġ u l-komunikazzjoni interna u esterna se jikseb ekonomiji ta' skala u jtejjeb il-prevedibbiltà tal-finanzjament tal-UE b'mod aktar mifrux fost il-benefiċjarji, il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini tal-UE.

Fir-rigward tal-mod ta' ġestjoni tal-Programm, ma hemm ambitu ċar għal aktar simplifikazzjoni peress li l-modi ta' ġestjoni użati għall-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 huma xierqa għal programm ta' dan id-daqs (jiġifieri ġestjoni diretta u għadd limitat ta' inizjattivi implimentati taħt ġestjoni indiretta mill-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2024/2509). Matul l-aħħar snin, il-Programm implimenta diversi miżuri ta' simplifikazzjoni biex jissimplifika l-proċessi u l-proċeduri amministrattivi tiegħu, u b'hekk itejjeb l-effiċjenza tiegħu. Hemm evidenza limitata li tissuġġerixxi li għadhom meħtieġa bidliet kbar, speċjalment meta jitqiesu l-miżuri ta' simplifikazzjoni implimentati s'issa. Pereżempju, biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, l-użu ta' forom simplifikati ta' finanzjament se jibqa' l-forma standard ta' kontribuzzjoni għar-rimborż tal-ġhotjiet.

Il-benefiċjarji jikkunsidraw l-istrumenti użati għall-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 (ġhotjiet u attivitajiet ta' akkwist) xierqa għall-ħtiġijiet tal-Programm.

Fl-istess ħin, diversi sejbiet juru li d-domanda dejjem tikber għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja qiegħda tenfasizza lakuni sinifikanti fl-investment kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ fuq żewġ livelli (jiġifieri fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri) biex tkun tista' ssir id-diġitalizzazzjoni sħiħa tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u biex jinbena spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni effettiv u interkonness.

Dan mhux biss ikun joħloq aktar rabtiet mal-oqsma ta' politika kollha koperti mill-Programm dwar il-Ġustizzja iżda se jipprovidi wkoll koerenza qawwija mal-azzjonijiet imwettqa fil-livell nazzjonali għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali skont il-pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

• **Drittijiet fundamentali**

L-objettivi tal-Programm huma marbuta mill-qrib mal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u jikkonformaw mal-Karta.

Fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha tiegħu, il-Programm ifittex ukoll li jippromwovi l-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tat-tfal, inkluż permezz ta' ġustizzja adattata għat-tfal, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi u l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tal-ugwaljanza tad-drittijiet u tan-nondiskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 21 tal-Karta, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta u fil-limiti stabbiliti minnu.

Barra minn hekk, il-proġetti ffinanzjati taħt il-Programm iridu jikkonformaw mal-oġhla standards etiċi, mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data 2016/679⁴¹ u mal-

⁴⁰ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0046>.

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), *ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>*.

ftehimiet tad-dritt internazzjonali li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha tal-UE huma parti (inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà⁴²).

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 se jkun ta' EUR 798 miljun (fi prezzijiet kurrenti).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din l-inizjattiva se tiġi mmonitorjata permezz tal-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit tal-2028-2034 stabbilit skont ir-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]⁴³. Il-qafas ta' prestazzjoni jistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-evalwazzjonijiet, li għandhom jitwettqu f'konformità mal-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u se jkunu bbażati fuq indikaturi rilevanti għall-oġettivi tal-Programm.

Il-Programm huwa implimentat permezz ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Għadd limitat ta' inizjattivi jistgħu jiġu implimentati wkoll permezz ta' ġestjoni indiretta minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-oġettiv ġenerali tal-Programm dwar il-Ġustizzja propost tal-2028-2034 (l-Artikolu 3 tar-Regolament) huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni effiċjenti, inklużiv, reżiljenti u diġitalizzati, ibbażat fuq l-istat tad-dritt, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka. Bl-ilħuq ta' dan l-oġettiv, il-Programm se jsaħħaħ ukoll id-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività. Dan l-oġettiv ġenerali se jintlaħaq permezz ta' tliet oġettivi speċifiċi:

- (a) Li tiġi ffaċilitata u appoġġata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u li jiġi promoss l-istat tad-dritt;
- (b) Li jiġi promoss u appoġġat it-taħriġ ġudizzjarju;
- (c) Li jiġu ffaċilitati u appoġġati l-aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd u r-rimedju effettiv, inkluż b'mezzi diġitali.

Il-Programm se jipprevedi sinerġiji bejn l-oġettivi speċifiċi differenti tiegħu, biex jappoġġa b'mod effettiv l-oqsma ta' politika koperti minn dawn l-oġettivi u biex iżid il-potenzjal tagħhom li jilhqnu lill-gruppi fil-mira. Sabiex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-

⁴² ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37, ELI: [http://data.europa.eu/eli/convention/2010/48\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/convention/2010/48(1)/oj). Minn mindu l-Unjoni saret Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, id-dispożizzjonijiet tagħha saru parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u huma vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fuq l-Istati Membri tagħha inkluż l-Artikolu 13 tagħha dwar l-aċċess għall-ġustizzja. Dak l-Artikolu jirrikjedi li l-Istati Partijiet jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali ma' oħrajn (inkluż permezz tal-għoti ta' akkomodazzjonijiet proċedurali u adegwati għall-età) fil-proċedimenti legali kollha, inkluż fi stadji investigattivi u fi stadji preliminari oħra. Dan jindika wkoll li l-Istati Partijiet għandhom jippromwovu taħriġ xieraq għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, inkluż il-persunal tal-pulizija u tal-ħabsijiet.

⁴³ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u ta' prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni, COM/2025/545 final.

natura speċifika tal-politiki differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom permezz ta' approċċi mfassla apposta.

Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni se tistabbilixxi kull sena l-prijoritajiet ta' finanzjament fl-oqsma rispettivi ta' politika. L-istruttura tar-Regolament tippermetti l-flessibbiltà u l-aġġustamenti rapidi bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-politika u l-iżviluppi ġodda fil-politika u fit-teknoloġija.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2028-2034 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/693

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 81(1) u (2) u l-Artikolu 82(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li l-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-Artikolu 67 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jispeċifika wkoll li l-Unjoni għandha tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. Il-ġustizzja hija marbuta mill-qrib mal-valuri ewlenin li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, b' mod partikolari l-istat tad-dritt, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet fundamentali kif minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE. Dawk il-valuri ewlenin jimplikaw il-ħtieġa ta' ġudikaturi indipendenti li joperaw f'sistemi tal-ġustizzja effiċjenti. L-indipendenza ġudizzjarja nnifisha tinbet mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni kondiviżi mill-Istati Membri kollha, mill-istat tad-dritt, u mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikolu 19(1) tat-TUE u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-“Karta”).
- (2) It-tlestija ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għadha tiffaċċja sfida minn fatturi bħat-theddid għall-istat tad-dritt, diversi forom ta' kriminalità serja u ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Għalhekk huwa aktar importanti minn qatt qabel li tiġi promossa, imsaħħa u difiża l-ġustizzja, li għandha implikazzjonijiet diretti għall-ħajja politika, ekonomika, finanzjarja u soċjali fl-Unjoni u lil hinn minnha u hija meħtieġa biex titħejja Unjoni mkabbra. Filwaqt li jibni fuq il-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja (il-“Programm”) sabiex jappoġġa l-iżvilupp

¹ ĠU C, [...], [...], ELI: [...].

² ĠU C, [...], [...], ELI: [...].

³ Ir-Regolament (UE) 2021/693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/693/oj>).

ulterjuri ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni bbażat fuq l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, ir-rikonnoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, l-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'materji ċivili u kriminali. Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi wkoll enfasi msaħħa fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-oġettivi speċifiċi kollha tiegħu.

- (3) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm dwar il-Ġustizzja. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.
- (4) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, li joħloq inċertezzi u sfidi, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-oġettivi tal-programm dwar il-Ġustizzja, jenħtieġ li l-finanzjament iqis kif xieraq il-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li tiġi żgurata prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (5) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ japplika għall-Programm. Dan jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.
- (6) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95⁶, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁷ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939⁸, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, European Anti-Fraud Office) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jwettaq investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/OJ>).

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1., ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292.15.11.96, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/OJ>).

finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (7) Il-Programm irid jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]¹⁰ li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inklużi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji “la tagħmilx ħsara sinifikanti” u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal ta' finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.
- (8) Il-miżuri skont il-Programm jenħtieġ li jappoġġaw ir-rikonossiment u l-infurzar reċiproċi msaħħa ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili u kriminali, fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġiżlazzjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll iż-żamma u l-istabbiliment ta' għodod jew pjattaformi tal-IT eżistenti u ġodda għal strumenti ġodda ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. Filwaqt li jiġu sfruttati l-kisbiet fl-effiċjenza tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, jenħtieġ li jiġu żgurati l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-Karta, kif ukoll is-salvagwardji kontra l-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni.
- (9) Il-Programm jenħtieġ li, fl-attivitajiet kollha tiegħu, jippromwovi l-istat tad-dritt anki billi jappoġġa sforzi biex jittejbu l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, li hija indispensabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.
- (10) F'materji ċivili, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-protezzjoni tad-drittijiet individwali f'kawżi ċivili u kummerċjali, inkluż l-Anti-SLAPP (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika), u jippromwovi konverġenza akbar fid-dritt ċivili. Dan se jgħin biex jiġu eliminati l-ostakli għal proċeduri ġudizzjarji u extraġudizzjarji sodisfaċenti li jaħdmu b'mod effiċjenti għall-benefiċċju tal-partijiet kollha f'tilwima. Sabiex jappoġġa l-infurzar effettiv u l-applikazzjoni prattika tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-funzjonament tan-*Network Ġudizzjarju Ewropew* f'materji ċivili u kummerċjali stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE¹¹.
- (11) F'materji kriminali, il-Programm jenħtieġ li jgħin fl-implimentazzjoni ta' regoli u proċeduri biex jiġi żgurat ir-rikonossiment ta' sentenzi u deċiżjonijiet fl-Unjoni kollha

⁹ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

¹⁰ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra għall-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni (ĠU L ..., ..., ELI: ...).

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi *Network Ġudizzjarju Ewropew* fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2001/470/oj>).

u jappoġġa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli għal fiduċja u kooperazzjoni reċiproċi effettivi, inkluż permezz ta' appoġġ għal miżuri li jiżguraw it-traspożizzjoni korretta tal-atti legali tal-Unjoni li japprossimaw il-liġijiet kriminali nazzjonali. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet immirati biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fir-rigward ta' forom ta' kriminalità serja bħall-korruzzjoni, it-terroriżmu u r-reati ambjentali. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jtejjeb il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħra. Barra minn hekk, jenħtieġ li jappoġġa l-kooperazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-UPPE, u b'hekk jippermetti sistema aktar integrata ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni.

- (12) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċess nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd u jenħtieġ li jappoġġa l-attivitajiet biex jiġu protetti d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità kif ukoll id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali kif ukoll tal-persuni mfittxija fi proċedimenti ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE). L-aċċess għall-ġustizzja jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, l-aċċess għall-qrati, metodi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim u konsulenza legali li jridu jiġu pprovduti b'mod indipendenti u imparzjali mid-detenturi ta' karigi pubbliċi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni mtejbja tad-diversi atti legali tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, kif ukoll lil azzjonijiet immirati lejn l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-prattikanti legali u lejn l-appoġġ għat-titjib tal-għarfien u l-użu ta' strumenti ta' rimedju kollettiv. Barra minn hekk, jenħtieġ li jingħata appoġġ għal attivitajiet li jiffaċilitaw aċċess effettiv u ugwali għall-ġustizzja għal persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà (bħal persuni b'diżabbiltà f'konformità mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà¹², tfal, minoranzi, persuni LGBTIQ+ u vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, vjolenza domestika u forom oħra ta' vjolenza interpersonali. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jikkontribwixxu għal dawk l-oġettivi.
- (13) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa t-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju. L-attivitajiet ta' taħriġ jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, inkluż pereżempju, taħriġ dwar id-dritt ċivili u kriminali, dwar l-applikazzjoni effettiva tal-Karta, dwar ir-rikonoxximent reċiproku kif ukoll dwar is-salvagwardji proċedurali (inklużi s-salvagwardji għal kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (anti-SLAPP, strategic lawsuits against public participation)). L-attivitajiet ta' taħriġ taħt il-Programm jenħtieġ li jkollhom enfasi qawwija fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, filwaqt li jipprovdu ambjent ta' appoġġ għall-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju, inkluż permezz ta' żieda fil-ħiliet diġitali, fl-għarfien u fis-sensibilizzazzjoni. It-taħriġ jenħtieġ li jappoġġa wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera. L-appoġġ għat-taħriġ jenħtieġ li jseħħ f'sinerġija mal-miżuri fil-livell nazzjonali, u b'hekk jiġi sfruttat l-impatt tal-Programm.

¹²

ĠU L 23, 27.01.2010, p. 37, ELI: [http://data.europa.eu/eli/convention/2010/48\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/convention/2010/48(1)/oj).

- (14) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-programm ta' ħidma annwali tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), li huwa attur essenzjali fir-rigward tat-taħriġ ġudizzjarju u għandu rwol importanti fl-appoġġ u fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-politika Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju. L-EJTN huwa l-uniku network fil-livell tal-Unjoni li jgħaqqad flimkien il-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa f'pożizzjoni unika li jorganizza skambji u taħriġ għall-ġudikatura bejn l-Istati Membri u jikkoordina l-ħidma tal-korpi nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju, u b'hekk jitravmu sinerġiji bejn it-taħriġ appoġġat mill-Unjoni u dak iffinanzjat fil-livell nazzjonali u titrawwem komunikazzjoni strutturata bejn l-Unjoni u l-fornituri nazzjonali tat-taħriġ. Barra minn hekk, l-EJTN jista' jinkludi wkoll il-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju tal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali bħala membri osservaturi.
- (15) Il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal hija oġġettiv ewlieni tal-Unjoni, kif minqux fl-Artikolu 3(3) tat-TUE u fl-Artikolu 24 tal-Karta. Fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal, l-aħjar interessi tat-tfal jridu jkunu kunsiderazzjoni primarja. Dak huwa essenzjali wkoll għal-leġittimità u l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja. It-tfal involuti fi proċedimenti legali, kemm jekk bħala xhieda, vittmi, persuni suspettati, akkużati jew misjuba ħatja, jew partijiet oħra, spiss jiffaċċjaw ostakli sinifikanti li jdgħajfu l-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv u li jibbenefikaw minn salvagwardji xierqa. It-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistemi u tal-prattikanti tal-ġustizzja nazzjonali biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal huwa għalhekk meħtieġ biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tagħhom.
- (16) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluż billi jiżviluppa, jintroduċi u jżomm għodod fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, jista' jisfrutta għodod li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni diġitali bejn il-qrati u l-partijiet bħall-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew, li jippermettu aċċess aktar faċli għad-data ġudizzjarja bħall-Identifikatur Ewropew tal-Każistika, jew li jtejbu l-effiċjenza u s-sigurtà ta' proċeduri ġudizzjarji diġitalizzati bħas-servizzi fiduċjarji skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 u l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni li jaħdem tajjeb b'sistemi tal-ġustizzja nazzjonali effettivi u reżiljenti huwa meħtieġ għal suq intern li jiffjorixxi u huwa prekondizzjoni għat-tkabbir ekonomiku, għal swieq finanzjarji sodi u għall-kompetittività. Id-diġitalizzazzjoni ttejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri ġudizzjarji transfruntiera f'materji ċivili u kriminali kif ukoll l-aċċess għall-ġustizzja fl-Unjoni, li min-naħa tagħhom jixprunaw l-investimenti. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja tippermetti u tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni effettiva u effiċjenti ma' awtoritajiet kompetenti oħra fl-implimentazzjoni u fl-infurzar ta' partijiet ewlenin tal-ġabra ta' regoli diġitali tal-UE, bħal pereżempju l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja tgħin ukoll biex jitnaqqsu l-kostijiet kemm għall-baġits pubbliċi kif ukoll għall-utenti finali, filwaqt li jinżammu servizzi effettivi għaċ-ċittadini u għan-negozji. Dan jippermetti lill-professjonisti tal-ġustizzja jiffokaw fuq il-kompiti ewlenin, filwaqt li jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-proċedimenti. L-għodod diġitali jespandu wkoll l-aċċess għall-ġustizzja, billi jippermettu komunikazzjoni mill-bogħod u aċċess faċli għall-fajls ġudizzjarji, u b'hekk itejbu t-trasparenza. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali fi żminijiet ta' kriżi (bħall-pandemiji), filwaqt li tiżgura li dawn ikunu jistgħu jkomplu joperaw b'mod effettiv għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tan-negozji. Dak isaħħaħ il-fiduċja fil-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja li taħdem b'mod affidabbli f'ċirkostanzi mhux mistennija.

- (17) L-Unjoni jeħtiġilha tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll is-sigurtà tagħhom, b'mod partikolari ċ-ċibersigurtà. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, inkluż fil-katina tal-provvista tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT, Information and Communication Technologies), peress li jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti u għall-kumpaniji fl-Unjoni kollha u l-infrastruttura kritika tal-Unjoni f'termini tal-integrità tad-data u tas-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din ir-restrizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u fil-liġijiet tal-Unjoni.
- (18) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura konsistenza, komplementarjetà u sinerġiji ġenerali mal-ħidma tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, European Union Agency for Fundamental Rights), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) u l-UPPE, u jenħtieġ li tqis il-ħidma ta' atturi nazzjonali u internazzjonali oħra fl-oqsma koperti mill-Programm.
- (19) Sabiex tiġi żgurata l-allokkazzjoni effiċjenti tal-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-azzjonijiet kollha mwettqa taħt il-Programm ikollhom valur miżjud tal-Unjoni, jikkomplementaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri u jkunu konsistenti ma' azzjonijiet oħra tal-Unjoni. Il-konsistenza, il-komplementarjetà u s-sinerġiji jenħtieġ li jiġu mfittxija b'mod partikolari ma' programmi ta' finanzjament li jappoġġaw oqsma ta' politika li huma interkonnessi mill-qrib, bħall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (stabbiliti bir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar l-SNR]¹³), il-programm AgoraEU (stabbilit bir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [AgoraEU]¹⁴), u azzjonijiet esterni appoġġati mill-Ewropa Globali (stabbilita bir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵).
- (20) Il-Programm jissostitwixxi l-programm stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/693 għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027 li għalhekk jenħtieġ li jitħassar.
- (21) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma hijiex qiegħda tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (22) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat, [, *permezz tal-ittra datata...*], ix-xewqa tagħha li tieġu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

¹³ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, COM(2025) 565 final.

¹⁴ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818, COM(2025) 550 final.

¹⁵ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ewropa Globali, COM/2025/551 final.

jew

F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma hijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u ma hijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja (il-“Programm”) u jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni, u r-regoli għall-għoti ta' dan il-finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “ġudikatura u persunal ġudizzjarju” tfisser imħallfin, prosekuturi u membri tal-persunal tal-qorti u tal-uffiċċji tal-prosekuturi, kif ukoll kwalunkwe professjonist ieħor tal-ġustizzja assoċjat mas-sistemi tal-ġustizzja jew li b'xi mod ieħor jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, irrispettivament mid-definizzjoni fid-dritt nazjonali, l-istatus legali jew l-organizzazzjoni interna, bħal avukati, nutara, uffiċjali ġudizzjarji jew uffiċjali tal-infurzar, prattikanti fl-insolvenza, medjaturi, interpreti u tradutturi tal-qorti, esperti tal-qorti, persunal tal-ħabs u uffiċjali tal-probation.

Artikolu 3

Oġġettivi tal-programm

1. L-oġġettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni effiċjenti, inklużiv, reżiljenti u diġitalizzati, ibbażat fuq l-istat tad-dritt, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, u b'hekk isaħħaħ ukoll id-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività tal-Unjoni, kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell tal-Unjoni.
2. Il-Programm għandu l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:
 - (a) li jiffaċilita u jappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u li jippromwovi l-istat tad-dritt, b'mod partikolari l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja, inkluż permezz tat-titjib tar-rikonoxximent transfruntiera effettiv u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji;
 - (b) li jippromwovi u jappoġġa t-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju, bil-ħsieb li: jiġu promossi l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija; titrawwem kultura legali u ġudizzjarja komuni; tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-istrumenti legali rilevanti tal-Unjoni; u jiġi pprovdut ambjent ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tas-sistemi tal-ġustizzja.
 - (c) li jiffaċilita u jappoġġa l-aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd u għal rimedju effettiv, inkluż b'mezzi diġitali, billi jippromwovi proċeduri ċivili u kriminali effiċjenti u billi jippromwovi u jappoġġa d-drittijiet tal-vittmi kollha tal-kriminalità u d-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati fi

proċedimenti kriminali kif ukoll tal-persuni mfittxija fi proċedimenti ta' Mandat ta' Arrest Ewropew.

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 hu stabbilit għal EUR 798 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
2. L-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġitt tal-Unjoni lil hinn mill-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.
3. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

Artikolu 5

Riżorsi addizzjonali

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d) jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Riżorsi allokatil lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom ikunu addizzjonali għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet f'impenn legali taħt ġestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali mqiegħda b'hekk għad-dispożizzjoni għall-Programm, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura għal programm sors rispettiv wieħed jew aktar jew is-suċċessuri tagħhom.

Artikolu 6

Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni taħt il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż

impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. Il-proċeduri ta' għoti skont il-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra ("sħab fil-proċedura ta' għoti konġunta"), sakemm tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab fil-proċedura ta' għoti konġunta jistgħu jqiegħdu r-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-Programm f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' għoti, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, fil-proċeduri ta' għoti konġunti l-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun parzjalment magħmul minn membri li huma rappreżentanti tas-sħab f'dik il-proċedura.

Artikolu 7

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

1. Il-Programm jista' jinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jew kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-qafas ta' dawk il-ftehimiet u applikabbli għal:
 - (a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li jkunu membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostatu Ewropej;
 - (b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali;
 - (c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
 - (d) pajjiżi terzi oħra.
2. Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni għall-parteċipazzjoni fil-Programmi:
 - (a) għandhom jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jkun qiegħed jipparteċipa fil-Programm;
 - (b) għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, għal programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
 - (c) ma għandhomx jagħtu lill-pajjiżi terzi xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Programm;
 - (d) għandhom jigarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha;
 - (e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), il-pajjiżi terzi għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) 883/2013,

u jiggarrantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju abbażi tal-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll is-sentenzi u d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.

Artikolu 8

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, taħt ġestjoni diretta jew taħt ġestjoni indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c) ta' dak ir-Regolament.
2. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari għotjiet, akkwist u donazzjonijiet mhux finanzjarji.
3. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, meta meħtieġ, għażliet ta' kostijiet issimplifikati, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kostijiet eliġibbli, biss meta l-oġettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jintlaħqu mod ieħor.
4. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista' jkun magħmul parzjalment jew kompletament minn esperti esterni indipendenti.

Artikolu 9

Eliġibbiltà

1. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji tal-eliġibbiltà biex jappoġġaw l-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u għandhom japplikaw għall-proċeduri ta' għoti kollha skont il-Programm.
2. Fi proċeduri ta' għoti taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew aktar mill-entitajiet legali li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu finanzjament mill-Unjoni:
 - (a) l-entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;
 - (b) l-entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat;
 - (c) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;
 - (d) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.
3. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament jistgħu, meta jkun rilevanti, jipparteċipaw fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, *mutatis mutandis*, għall-pajjiżi terzi assoċjati parteċipanti.
4. Il-proċeduri ta' għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom)

2024/2509, għandhom japplikaw restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-fornituri b'riskju għoli, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, għal raġunijiet ta' sigurtà.

5. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, is-sejħiet għal proposti u s-sejħiet għal offerti jistgħu jispeċifikaw ulterjorment il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi.
6. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN, European Judicial Training Network) biex tkopri n-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu.

Artikolu 10

Programm ta' ħidma

Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmijin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Artikolu 11

Tħassir

Ir-Regolament (UE) 2021/693 jiġihassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont ir-Regolament (UE) 2021/693, li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2021/693.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	2
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	2
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	2
1.3.	Objettiv(i)	2
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	2
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	2
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	4
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involvement tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involvement tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.	5
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi	6
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra	6
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	7
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha	8
1.7.	Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)	8
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	10
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar	10
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	10
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	10
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	10
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)	11
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet	11

3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA...	12
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	12
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	13
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	13
3.2.1.1.	Appropriazzjonijiet f' miljuni ta' EUR tal-baġit ivvutat (għal tliet pożizzjonijiet deċimali).....	13
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimma ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati).....	15
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	17
3.2.3.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	17
3.2.3.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern (NA)	17
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	18
3.2.4.1.	Ifffinanzjati mill-baġit ivvutat	18
3.2.4.2.	Ifffinanzjati minn dħul assenjat estern (NA).....	19
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	21
4.	DIMENSJONIJIET DIĠITALI	23
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	23
4.2.	Data	25
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	27
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	30
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	30

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/693 għall-perjodu 2028-2034.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, it-taħriġ ġudizzjarju, l-aċċess għall-ġustizzja, l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Il-Programm għandu l-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju tal-ġustizzja tal-Unjoni effiċjenti, inklużiv, reżiljenti u diġitalizzat, ibbażat fuq l-istat tad-dritt, ir-rikonossiment reċiproku u l-fiduċja reċiproka, u b'hekk isaħħaħ ukoll id-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività tal-Unjoni kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell tal-Unjoni.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Il-Programm se jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

Objettiv speċifiku Nru 1:

Li jiffaċilita u jappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u li jippromwovi l-istat tad-dritt, b'mod partikolari l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja, inkluż permezz tat-titjib tar-rikonossiment transfruntiera effettiv u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Objettiv speċifiku Nru 2:

Li jippromwovi u jappoġġa t-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju, bil-ħsieb li: jiġu promossi l-istat tad-dritt, d-drittijiet fundamentali u d-demokrazija; titrawwem kultura legali u ġudizzjarja komuni; tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-istrumenti legali rilevanti tal-Unjoni; u jiġi pprovdut ambjent ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-ġustizzja.

Objettiv speċifiku Nru 3:

Li jiffaċilita u jappoġġa l-aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd u rimedju effettiv, inkluż b'mezzi diġitali, billi jippromwovi proċeduri ċivili u kriminali effiċjenti u billi jippromwovi u jappoġġa d-drittijiet tal-vittmi kollha tal-kriminalità u d-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali kif ukoll tal-persuni mfittxija fi proċedimenti ta' Mandat ta' Arrest Ewropew.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

- Kapaċità akbar - inkluża l-kapaċità diġitali - tal-prattikanti, tal-qrati u tal-awtoritajiet nazzjonali biex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u biex jimplementaw strumenti tal-UE dwar il-liġi ċivili u l-liġi proċedurali ċivili, kif ukoll dwar il-liġi kriminali u l-liġi proċedurali kriminali;
- Kooperazzjoni transfruntiera u fiduċja reċiproka mtejba bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji responsabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali, u kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba bejn dawn l-awtoritajiet u aġenziji u istituzzjonijiet responsabbli oħra fl-UE kollha;
- Aċċellerazzjoni tal-proċedimenti fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali;
- Sitwazzjoni mtejba ta' persuni soġġetti għal miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, tisħiħ tar-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni tagħhom, tnaqqis tar-riskji ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom;
- Kapaċità u viżibbiltà mtejba tan-Networks fil-livell tal-UE attivi fl-oqsma tat-taħriġ ġudizzjarju, l-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja;
- Promozzjoni mtejba tal-istat tad-dritt, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, inkluż billi jiġu appoġġati l-isforzi biex tittejjeb l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-ġbir ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali, il-ġbir ta' data dwar l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali, il-promozzjoni u r-rispett tal-istandards Ewropej u l-aħjar prattiki f'dawn l-oqsma;
- Kooperazzjoni msaħħa u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, in-networks Ewropej, l-NGOs u/jew l-organizzazzjonijiet professjonali fir-rigward tad-drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati b'reat u ta' vittmi ta' reat;
- Tnaqqis fir-riskji ta' ksur tad-drittijiet għal proċess ġust;
- Iffaċilitar tal-kooperazzjoni fir-rigward ta' forum ta' kriminalità serja, bħall-korruzzjoni, it-terroriżmu u l-kriminalità ambjentali;
- Sensibilizzazzjoni u għarfien pubbliċi mtejba, anki fost dawk li jfasslu l-politika rilevanti, dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati u d-drittijiet tal-vittmi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;
- Sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-użu ta' għodod diġitali u tal-IA fi proċedimenti kriminali (b'mod partikolari l-użu tat-teknoloġija tal-vidjokonferenzi) u l-impatt tagħha (opportunitajiet u riskji) fuq id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati u d-drittijiet tal-vittmi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;
- Sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi l-aktar vulnerabbli tar-reati, inklużi l-vittmi tat-terroriżmu, u l-persuni suspettati u akkużati l-aktar vulnerabbli;
- Għarfien imtejjeb dwar ir-rimedji legali disponibbli għall-vittmi f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom kif ukoll dwar l-isfidi u l-benefiċċji għall-vittmi relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja;
- Servizzi ta' appoġġ imtejba għall-vittmi;

- Għarfien imsaħħaħ tad-dritt ċivili tal-UE, tad-dritt kummerċjali, tad-dritt kriminali u tal-istrumenti relatati mad-drittijiet fundamentali (inkluż dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u dwar ir-rimedji eżistenti) fost il-professjonisti tal-ġustizzja;
- Żieda fil-“Kapaċità diġitali” tal-professjonisti tal-ġustizzja biex jużaw għodod u infrastrutturi diġitali b'mod effettiv, jitrattaw l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-proċedimenti tal-qorti u d-drittijiet proċedurali u japplikaw għodod ta' kooperazzjoni transfruntiera;
- Żieda fiċ-ċertezza legali għaċ-ċittadini u għan-negozji.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-indikaturi tal-output u tar-riżultati għall-fini tal-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet ta' dan il-Programm se jikkorrispondu għall-indikaturi komuni previsti skont ir-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]¹.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja²
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Billi l-leġiżlazzjoni hija għodda ewlenija għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja, hemm bżonn li din tiġi kkomplementata minn mezzi oħra. F'dan il-kuntest, il-finanzjament għandu rwol importanti x'jaqdi biex itejjeb l-effettività tal-leġiżlazzjoni billi jżid l-għarfien, is-sensibilizzazzjoni u l-kapaċità tal-professjonisti tal-ġustizzja u ta' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, billi jappoġġa, pereżempju:

- it-tixrid ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, inkluż l-appoġġ għal kampanji nazzjonali u Ewropej biex in-nies jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u l-fora għal diskussjoni għall-partijiet ikkonċernati biex jissaħħaħ l-għarfien tal-Programm u t-trasferibbiltà tar-riżultati tiegħu;
- it-taħriġ, l-iskambji u l-bini tal-kapaċità għall-ġudikatura u għall-persunal ġudizzjarju u għal Prattikanti oħra u għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, biex jiġu mgħammra bl-għodod biex id-drittijiet u l-politiki tal-Unjoni jiġu implimentati b'mod effettiv.

Il-finanzjament għandu wkoll rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni fuq il-livell transnazzjonali u fl-iżvilupp tal-fiduċja reċiproka, permezz ta', pereżempju:

¹ Il-Proposta għal Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u ta' prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni, COM/2025/545 final.

² Kif imsemmija fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2024/2509.

- l-iżvilupp u t-tiżni tal-kapaċità ta' networks ewlenin fil-livell Ewropew, ta' assoċjazzjonijiet ġudizzjarji fil-livell Ewropew u ta' fornituri ta' taħriġ ġudizzjarju fil-livell Ewropew biex jassistu fit-tnejn ta' inizjattivi futuri fl-oqsma koperti mill-Programm, kif ukoll biex jipromwovu l-implimentazzjoni konsistenti ta' tagħhom fl-Ewropa kollha;

- il-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-infurzar u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet nazzjonali oħra biex jiġi mmassimizzat u approfondit l-impatt tal-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni;

- l-interoperabbiltà transfruntiera tas-sistemi u l-applikazzjonijiet billi jintużaw u jinżammu tekniki u teknoloġiji innovattivi, b'mod partikolari dawk diġitali.

Barra minn hekk, il-finanzjament għandu jappoġġa wkoll, pereżempju:

- Ir-riċerka, l-istudji, l-istħarriġ, l-evalwazzjonijiet, il-valutazzjonijiet tal-impatt, l-attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u attivitajiet oħra ta' appoġġ li dejjem jippermettu li jiġu aġġornati dwar titjib u sfidi ġodda fil-prattika. Ir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet imbagħad se jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u jiżguraw li dawn ikunu msejsa fuq il-provi, li jkunu mmirati tajjeb u li jkunu strutturati tajjeb.

Il-Programm se jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' sfidi transnazzjonali komuni billi jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-oqsma ta' politika differenti, il-gruppi fil-mira differenti ta' tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari ta' tagħhom. Billi tlaqqa' flimkien l-appoġġ f'dawn l-oqsma, l-Unjoni se tkun mgħammra aħjar biex tindirizza prijoritajiet ta' politika rikorrenti kif ukoll dawk ġodda u emerġenti.

Il-Programm se jippubblika kull sena madwar erba' sejħiet għal proposti (inklużi sejħiet għal għotjiet operattivi) u se jappoġġa xi attivitajiet ta' ġestjoni indiretta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Xi sejħiet se jkunu biennali. Minbarra dan, il-Programm se jwettaq xi azzjonijiet permezz ta' kuntratti wara l-akkwist pubbliku. It-tipi ta' attivitajiet iffinanzjati jistgħu jinkludu, pereżempju: konferenzi, laqgħat ta' esperti, laqgħat ta' kumitati b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' atti leġislattivi tal-UE, seminars, komunikazzjoni, informazzjoni u attivitajiet ta' viżibbiltà; l-iżvilupp ta' materjal ta' taħriġ u l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' pjattaformi u sistemi tal-IT; sħarriġiet, studji u valutazzjonijiet tal-impatt.

Dawn l-attivitajiet kollha se jiġu implimentati tul il-perjodu kollu bejn l-2028 u l-2034. Huwa diffiċli li tiġi stabbilita tnedija preċiża f'dan l-istadju, peress li l-Programm ġie maħsub biex jibqa' flessibbli biżżejjed biex jadatta għal prijoritajiet u ħtiġijiet emerġenti ġodda.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex ante)

Minkejja l-progress, l-UE tkompli tiffaċċja sfidi kbar tal-ġustizzja transfruntiera li jirrikjedu azzjoni kkoordinata. Il-Programm dwar il-Ġustizzja jibqa' rilevanti ħafna u jħalli impatt, u jgħin lill-Istati Membri jżommu l-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-UE. Mingħajr appoġġ fil-livell tal-UE, ir-rispons nazzjonali jkun frammentat, ineffiċjenti u mhux uniformi, speċjalment f'oqsma bħat-taħriġ ġudizzjarju, l-aċċess

għall-ġustizzja u d-diġitalizzazzjoni. Il-finanzjament tal-UE jippermetti soluzzjonijiet konġunti, kooperazzjoni legali u interoperabbiltà tas-sistemi tal-ġustizzja, li minnhom jibbenefikaw b'mod partikolari l-Istati Membri iżgħar. Dan jgħin ukoll biex jingħalqu l-lakuni nazzjonali, jiġu sostnuti n-networks legali fl-UE kollha u tinbena kultura legali Ewropea komuni. Il-Programm dwar il-Ġustizzja huwa vitali biex jappoġġa lill-OSĊ li jaħdmu fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja u tal-proġetti transnazzjonali li ma setgħux jitwettqu mod ieħor. L-azzjoni tal-UE tiżgura standards uniformi, tippromwovi aċċess ġust għall-ġustizzja, issaħħaħ is-Suq Uniku u ssaħħaħ il-kompetittività billi tnaqqas l-inċertezza legali. Hija kruċjali wkoll biex tappoġġa l-proċess ta' tkabbir tal-UE u li tiżgura l-koerenza bejn il-politiki tal-ġustizzja interni u esterni, u b'hekk issaħħaħ ir-rwol tal-UE globalment u tissalvagwardja l-ordinament ġuridiku tagħha.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*)

Il-kollaborazzjoni u n-networking bejn il-partijiet ikkonċernati se jwasslu għat-tixrid tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari approċċi innovattivi u integrati fi Stati Membri differenti. Il-parteċipanti fl-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm imbagħad se jaġixxu bħala multiplikaturi fl-attivitajiet professjonali rispettivi tagħhom fl-Istat Membru tagħhom. L-intervent tal-Unjoni Ewropea jippermetti li dawn l-attivitajiet jiġu segwiti b'mod konsistenti fl-Unjoni kollha u dan iġib miegħu l-ekonomiji ta' skala.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Ġustizzja tal-2021-2027 uriet li l-Programm ikompli jsaħħaħ b'mod effettiv il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri kif ukoll it-taħriġ ġudizzjarju u l-aċċess għall-ġustizzja għal gruppi vulnerabbli. Il-Programm qiegħed jippromwovi wkoll dejjem aktar id-diġitalizzazzjoni, u b'hekk itejjeb l-aċċess għall-informazzjoni legali u l-immodernizzar tal-ġhodod ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. L-evalwazzjoni kkonfermat l-effettività kumplessiva tal-Programm u l-validità tal-obiettivi mmirati tiegħu, iżda ġew identifikati xi aspetti għal titjib, b'mod partikolari: il-baġit limitat jillimita l-kapaċità tal-Programm li jissodisfa l-ħtiġijiet diġitali li qegħdin jikbru; l-għarfien għadu mhux uniformi, b'OSĊ anqas informati mill-awtoritajiet pubbliċi u l-Programm huwa anqas magħruf f'xi pajjiżi. Barra minn hekk, xi benefiċjarji jkomplu jesperjenzaw sfidi bil-proċedura tal-applikazzjoni u r-rekwiżiti tar-rapportar.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-inizjattiva hija parti mill-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2028-2034.

Il-Programm se jfittex sinerġiji, konsistenza u komplementarjetajiet ma' strumenti oħra tal-Unjoni li jappoġġaw oqsma ta' politika li huma interkonnessi mill-qrib, bħall-programm AgoraEU u l-programmi fl-oqsma tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna, il-konsumaturi, l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Se tiġi mfittxija l-kooperazzjoni kemm mal-azzjonijiet esterni appoġġati mill-Ewropa Globali kif ukoll mal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għal dak li jikkonċerna r-riformi ġudizzjarji u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. Se tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' attivitajiet taħt dawn il-programmi l-oħra.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

durata limitata

b'effett mill-01/01/2028 sal-31/12/2034

impatt finanzjarju mill-2028 sal-2034 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2028 sal-2034 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)³

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (eż. KtE, OECD, UNESCO...)

lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment

lill-korpi msemmija fl-Artikolu 70 u 71 tar-Regolament (UE) 2024/2509)

lill-korpi tad-dritt pubbliku (eż. korpi vvalutati skont il-Pilastru)

lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati (eż. korpi vvalutati skont il-Pilastru)

lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati (eż. korpi vvalutati skont il-Pilastru)

lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

